MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 68/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Louis Anne Faure**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Louise Anne Faure talli fis-16 ta' Frar 2008 ghall-habta tal-hdax u ghoxrin minuta ta' bil-lejl, bhala l-persuna li f'isimha ghandha l-licenzja ta' *substitute* tal-hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem "Empire" li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan, ippermettiet tfal taht is-sittax-il sena biex jidhlu fil-post imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Frar 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Anne Marie Faure

hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u, wara li rat ir-regolament 19 ta’ l-Avviz Legali 392/29, ikkundannatha ghal twiddiba u twissija;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali pprezentat fit-13 ta’ Marzu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikonferma s-sejbien ta’ htija u minflok il-piena imposta, tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2008 id-difiza eccepiet in-nullita` tar-rikors ta’ appell stante li s-sentenza mhijiex appellabbli ghax ma taqax f’xi wiehed mill-kazijiet preskritti mill-artikolu 413(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Issa, fir-rikors ta’ appell tieghu l-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-Avviz Legali 124/1995, filwaqt illi l-ewwel Qorti ndikat li kienet qed issib htija skond l-Avviz Legali 392/1929. Ghalhekk irid l-ewwel jigi determinat liema minn dawn iz-zewg Avvizi Legali hu applikabbli ghall-kaz in ezami.

L-appellata giet akkuzata li ppermettiet tfal taht is-sittax-il sena jidhlu fil-hanut ta’ l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta’ “Empire” fi Triq San Gorg, San Giljan.

L-ewwel Qorti sabet responsabbilta` fl-appellata skond “ir-regolament 18 ta’ l-Avviz Legali 392/29 kif emendat”. Minn ezami tad-dicitura ta’ l-imputazzjoni, ghalkemm din titkellem dwar l-appellata bhala “persuna li f’isimha ghandha l-licenzja tal-hanut ta’ l-inbid, birra u xorb spirituz” u ghalhekk tali dicitura tixbah aktar dik fin-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929 (ghalkemm l-anqas precizament hekk peress illi tali Notifikazzjoni titkellem dwar “likuri spirituzi” u mhux “xorb spirituz”), huwa evidenti illi l-appellata ma gietx akkuzata bi ksur tar-regolament 18

ta’ dik in-Notifikazzjoni tal-Gvern izda bi ksur tar-regolament 6(1) ta’ l-Avviz Legali 124 tas-sena 1995. Difatti r-regolament 18 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929 jirreferi ghal “bar jew lok iehor fejn ikun hemm impjegati nisa jew artisti”, li mhux il-kaz odjern peress illi l-fond in kwistjoni gie deskritt biss fl-imputazzjoni bhala “hanut ta’ l-inbid, birra u xorb spirituz”. Dan ifisser li l-ewwel Qorti ccitat ligi hazina.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”**
L-ewwel Qorti ccitat l-artikolu, ossia f’dan il-kaz regolament, u ligi hazina u ghalhekk is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta’ sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti nulla u sejra tiddeciedi l-kaz mill-gdid.

F’dan il-kaz ma saret ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li fil-hanut imsemmi kien hemm persuna taht l-eta` ta’ sittax-il sena. Fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2008 gie verbalizzat hekk: *“Il-partijiet jaqblu dwar il-fatt illi l-minorenni msemmija nstabet fil-hanut imsemmi b’dan li d-difiza tenfasizza illi din zgiccat ad insaputa ta’ l-appellata.”* Id-difiza ssottomettiet illi in vista ta’ dan, il-Qorti ma kellhiex tinfliggi l-piena msemmija fir-regolament 6(4) ta’ l-Avviz Legali 124 tas-sena 1995 peress illi l-piena hemm indikata hija fakultattiva stante l-uzu tal-kelma “**jista’**”.

Din il-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni tad-difiza. Fejn il-ligi riedet taghti lill-Qrati certa diskrezzjoni fil-piena, hija taghti l-parametri bejn piena minima u piena massima. Hawn il-piena hija wahda – dik ta’ multa ta’ €233 ghal kull persuna taht l-eta` ta’ sittax-il sena. L-uzu tal-kelma “jista’” mil-legislatur hi ghazla sfortunata, aktar u aktar meta fit-test Ingliz juza l-kelma tassattiva *“shall”*. Ghalhekk il-kliem “jista’, meta jinsab hati, jehel …”

ghandhom jigu interpretati bhala li persuna misjuba hatja ta' ksur tad-disposizzjonijiet tar-regolament 6 ta' l-Avviz Legali 124/1995 tkun soggetta ghall-piena hemm preskritta. Naturalment jista' jkun hemm kazijiet fejn il-Qorti tista' tikkunsidra l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Izda l-kaz odjern mhuwiex wiehed minn dawk il-kazijiet peress illi li minorenni jirnexxilha "tizgicca" mhux xi raguni specjali u straordinarja li minhabba fiha ghandu jkun hemm tnaqqis fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u ghalhekk tirrevokaha, issib lill-appellata hatja ta' l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat ir-regolament 6(1)(2)(4)[1] ta' l-Avviz Legali 124/95, tikkundannaha ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u tlieta u tletin euro (€233).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Bis-sahha ta' l-Avviz Legali 93 ta' l-2008 tas-7 ta' Marzu 2008, is-subregolament (4) gie enumerat mill-gdid bhala s-subregolament (5).